**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum, **l-Erbgha 20 ta' Novembru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Josann Josephine Anne Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Josann Josephine Anne Darmanin ta' 55 sena imwielda Attard, nhar is-27 ta' Novembru 1963, bint Alfred u Bernardina nee' Bajada, residenti High Clare, Flat 3, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija limiti ta' San Pawl il-Bahar, u detentrici tal-karta tal-identita numru 640863M;

Akkuzata talli nhar it-12 ta' Dicembru 2018 ghall-habta ta' bejn 09:40hrs u 10:15hrs gewwa Capital Business Centre Level 1, Ta' Zwejt, San Gwann:

Ikkommettiet serq ta' telefon cellulari u/jew oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-'persuna' u 'valur' liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan ghad-detriment ta' Mariella Schembri u/jew persuni ohra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi bil-procedura sommarja, u rat li l-imputata iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu hekk trattati u decizi.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

L-imputata rregistrat ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta kontra taghha fl-ewwel seduta mizmuma quddiem din il-Qorti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontra taghha hija ta' tlett (3) snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputata terga' tikkonsulta mal-avukat taghha sabiex tara jekk tridx tikkonferma l-ammissjoni taghha.

Wara li regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputata jekk kellhiex hin bizzejjed biex tikkonsulta mal-avukat difensur taghha, l-imputata wiegbet fl-affirmattiv u kkonfermat ukoll l-ammissjoni taghha.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Antonella Debono u rat ir-rapport taghha dwar l-idoneata tal-imputata li twettaq ordni ta' servizz fil-kommunita minghajr hlas.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni taghha stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputata ikkoperat mal-pulizija u irritornat il-mobile phone mill-ewwel, ghalkemm irid jinghad ukoll li mill-filmat tac-CCTV footage li kien hemm fil-fond, kien jidher car li kienet hi li hadet dan il-mobile.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li l-imputata irregistrat ammissjoni fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri.

In oltre, l-fedina penali taghha hija wahda netta.

Il-valur ta' dan il-mobile phone huwa ta' €350.00.

Pero, il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-imputata hija mara adulta u ilha gwardjan lokali ghal kwazi ghoxrin (20) sena, b'interruzzjonijiet zghar, u ghalhekk dan ir-reat ma jistghax jigi attribwit ghal blugha taz-zghozija, u mill-provi prodotti ma tirrizulta l-ebda raguni ghalfejn l-imputata serqet dan il-mobile – u fil-fatt lanqas kienet kapaci tati raguni ghal dan l-agir taghha, fuq domanda specifika waqt l-interrogatorju taghha.

Madanakollu, l-imputata irrikonoxxiet mill-ewwel l-izball taghha u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva jew sospiza mhix wahda idonea fil-kaz odjern, pero hu aktar opportun li l-imputata twettaq ordni ta' xoghol ta' servizz fil-kommunita bla hlas, biex tikkumpensa lis-socjeta ghall-izball li ghamlet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(c) u (d), 267, 268(d) u 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, qieghda, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieha taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita, billi taghmel xoghol bla hlas ghal mija u hamsa u sebghin (175) siegha, f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u semplici l-effett ta' l-ordni u li jekk hija tonqos li tikkonforma ruhha maghha jew taghmel xi reat iehor, hija tkun tista' tinghata sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**